VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,681, 18 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 382 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2016 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tal-2016 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D., ippubblikati bħala Avviż Legali 293 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2016 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolamenti varji tar-regolamenti prinċipali

3. Kull fejn fir-regolamenti prinċipali hemm referenza għal "Sotto-Kumitat", dik ir-referenza għandha tiġi sostitwita mill-kelma "Kumitat".

L-Emenda għar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok it-tifsira ta' "Superviżur Prinċipali" fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Superviżur Prinċipali	is-superviżur ewlieni assenjat lill-istudenti bir-responsabbiltajiet kif imfissra fir-regolament 31

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għar-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-membri tal-Bord ta l-Eżaminaturi għandhom ikunu akkademiċi b'esperjenza ta' riċerka fil-qasam ġenerali tat-teżi tal-istudent u fejn hu prattikabbli, għandhom ikollhom esperjenza bħala speċjalisti fis-suġġett li se jkun eżaminat, sakemm li tnejn mill-eżaminaturi, inkluż l-eżaminatur barrani, għandhom ikunu akkademiċi li jgawdu awtorità fil-qasam ta' riċerka kkonċernat. Fejn l-istudent huwa assistent lettur fl-Università, eżaminatur barrani ieħor (normalment li ma jiġix Malta) għandu jkun maħtur u meta prattikabbli l-eżaminaturi lokali għandhom ikunu maħtura minn dipartimenti differenti."

L-Emenda għar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (5) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Jekk il-Bord tal-Eżaminaturi ma jkunx sodisfatt bil-kwalità tat-teżi, huwa ma jressaqx lill-istudent għall-eżami orali u għandu jew:

(a) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi żmien minimu ta' sitt xhur u massimu ta' tnax-il xahar f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Eżaminaturi; jew"